

# Katechein

Issue: 5/20

## Inwasslu lil Ġesù

Matul dawn l-aħħar xhur għexna f'sitwazzjoni li mhix dik li aħna mdorrijin ngħixu fiha s-soltu. Barra minnhekk, għalkemm qegħdin nippreparaw biex nibdew sena kateketika ġdida, fl-istess waqt ma nafux eżatt x'se jiġri. Ħafna kienu dawk il-katekisti u Diretturi ta' Ċentri ta' Katekeżi li kkomunikaw magħna biex jaraw kif se nimxu. Ir-realtà qed turini li għalkemm nistgħu nippjanaw għas-sena kateketika li ġejja, imma fl-istess waqt irridu wkoll inkunu ppreparati għal kull eventwalità.

Intant lilhinn minn dan kollu ejjew inżommu f'moħħna l-għan ta' kull forma ta' ministeru tal-katekeżi. L-għan ewlieni u waħdieni qatt ma għandu jkun li ngħaddu lit-tfal u lill-adolexxenti tagħna sempliċement tagħlim dwar Alla, speċjalment dwar Ġesù; dwar dak li nemmnu fih; u dwar il-Knisja. Għalkemm dawn huma importanti, imma ejjew inżommu f'moħħna li l-għan speċifiku tal-katekeżi huwa li jintroduċi u jdaħħal lill-persuni f'relazzjoni ma' Ġesù, li jsiru ta' ġewwa miegħu, u allura jħaddnu u jgħixu l-istil ta' ħajja li pproponielna hu. Ejjew inżommu dan bħala l-għan ewlieni tal-katekeżi: li t-tfal u l-adolexxenti afdati f'idejna jagħmlu din l-esperjenza ta' mħabba u ta' ħniena. Għalkemm il-mod kif dan isir mhux newtrali, imma ejjew ma nħallux din is-sitwazzjoni tal-pandemija tfixkilna. Sew jekk nagħmlu laqgħat wiċċ imb'wiċċ, u sew jekk nagħmlu laqgħat bl-għajnuna tat-teknoloġija, ejjew inwasslu din l-esperjenza ta' Ġesù bl-aħjar mod possibbli.

Sena kateketika ġdida ġġib ukoll magħha tibdil fir-riżorsi umani – il-katekisti infushom. Filwaqt li nagħti merħba lil kull min se jibda jaħdem f'dan il-ministeru, ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk li taw sehemhom għal diversi snin, u issa se jieqfu minn dan il-ministeru. Fl-aħħarnett ma nistax ma nirringrazzjax lilkom ilkoll impenjati f'dan il-ministeru u li tagħtu servizz daqstant importanti fil-Knisja. Aħna nafu li l-Mulej iroddilna għal mitt darba il-ġid li nagħmlu mal-oħrajn.

**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Deleġat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*